**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 29 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 105/2023/3JPG**

**Kawza Nru.: 20**

**BG**

**vs**

**RG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BG, datat 8 ta' Mejju 2023, *a fol 2 et seqq.,* li jaqra hekk:

> *Illi r-rikorrenti pprezenta kawza ghas-separazzjoni personali fl-ismijiet premessi, li tinkludi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, il-likwidazzjoni tal-istess u tinqasam bejn il-partijiet.*
>
> *Illi z-zewg partijiet ghandhom introjtu separat u ndipendenti minn xulxin.*
>
> *Illi inoltre llum-il gurnata, il-kontendenti ilhom ighixu separatament minn meta l-intimata qabdet u telqet mid-dar fit-2 ta'Settembru,2022.*
>
> *Illi qabel qabdet u telqet minghajr raguni mid-dar, l-intimata nefqet somom kbar li kienu tal-Komunjoni biex tirranga u tlesti appartament fejn marret tghix.*
>
> *Illi ladarba l-kontendenti qed ighixu separatament, hemm lok li jinhareg ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

*Illi r-rikorrenti jista' jsofri pregudizzju irrimedjabbli jekk tibqa' vigenti l-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet.*

*Illi s-segwenti huwa l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti: "Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-ligi illi meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dan l-iskop, jew wiehed mill-iskopijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju ghal konjugi wiehed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti u l-konjugi l-iehor jibqa' jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiccat".1*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili [Kap. 16] tal-Ligijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega fil-ligi, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tawtorizza lill-esponenti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta tal-Intimata datata 23 t'Ottubru 2023 li taqra hekk:

*Illi zewgha qed jitlob lil Onorabbli Qorti sabiex twaqqaf il-Komunjoni tal-Akkwisti*

*Illi hija topponi ghat-talba tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi fl-ewwel lok ikollha twiegeb ghall-gideb tieghu billi mhux minnu li telqet mid-dar bla ebda raguni, izda telqet ghax hu kien vjolenti fizikament fuqha (taha daqqa fuq daharha u daqqa fuq idha u kien ser iwaddbilha flixkun tal-istainless steel)(bit-tifel ta' 3 snin rieqed fil-kamra ftit metri 'l boghod), oltre s-snin ta' agir ta' kontroll fuqha u mohqrija affettiva, liema agir farrak z-zwieg tal-partijiet*

*Illi l-introjtu separat u indipendenti tal-partijiet li qed isemmi fir-rikors, hu tali ghax peress li ghandu it-tripplu tal-introjtu taghha, hu dejjem ghazel li tieghu izommu mistur u jahbilha ukoll kull informazzjoni dwar kemm kien jaqla' kull xahar (hija ghalliema go skola tal-Gvern u hu espert fl-IT (Information Technology)*

*Illi huwa pprezenta l-kawza tas-separazzjoni fis-27 ta' April 2023 u dan ifisser li ipprezenta r-rikors bit-talba ghal-Waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti hdax-il jum biss wara;*

*Illi din l-ghaggla kollha tieghu tkompli tikkonferma s-suspetti tal-intimata li l-iskop tieghu huwa li jkompli jahbi x'hemm fil-Komunjoni sabiex ikompli jiddisponi minnha u hi ma tkunx tista' tikkawtela d-drittijiet taghha ghal sehemha;*

*Il-partijiet izzewgu fis-16 ta' Ottubru 2016 u ghandhom tifel wiehed ZG li twieled f'X u sseparaw de facto fit-2 ta' Settembru 2022;*

*Illi hija tifhem illi l-ligi tippermetti lil Onorabbli Qorti f'kull zmien matul il-kawza ta' firda fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin. Il-ligi tghid ukoll li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-Komunjoni qabel is-sentenza tal-firda. (Issir referenza ghall-kawzi Rik Gur Nru 276/21JPG fl-ismijiet TF vs GF sentenza deciza 16 ta' Jannar 2023, Rik Gur Nru 202/21/2 JPG fl-ismijiet JM vs AA sentenza deciza 6 ta' Gunju 2022, u Rik Gur Nru 214/21/2 JPG fl-ismijiet OB vs MW sentenza deciza 24 ta' Jannar 2022 fost hafna mis-sentenzi li din l-Onorabbli Qorti tat.)*

*Illi hija tifhem ukoll illi l-waqfien tal-Komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv u ghalhekk dak li sal-lum huwa formanti l-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. (Issir referenza ghall kawzi Rik Gur Nru 196/21 JPG fl-ismijiet JB in rapprezentaza ta AFB vs WF sentenza deciza 19 ta' Jannar 2022);*

*Illi kif irriteniet l-Onorabbli Qorti fis-sentenzi taghha, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-intimata rikonvenzjonata mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni ghax il-waqfien jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni. (Issir referenza ghall-kawza Rik Gru Nru 24/20 JPG fl-ismijiet SG vs BG sentenza deciza 15 ta' Dicembru 2021);*

*Izda l-problema serja li ghandha l-intimata hija li hija tibza li t-talba tieghu saret daqstant fi stadju bikri tal-kawza fejn l-anqas biss ghadhom gew pprezentati d-dokumenti bankarji apposta, ghax malli jigu pprezentati l-kontijiet bankarji, hu ser jinqabad li l-flus tal-Komunjoni ma jinsabux fil-kontijiet tieghu u hu hbihom sabiex hi ma tkunx tista' tinghatha sehemha;*

*Dan qed jinghad ghax zewgha kellu matul iz-zwieg il-manija tal-kontroll fuq kollox u kien mizzewweg lil flus. Biss biss parti kbira mill-introjtu li qala' u li jaqla' mill-impjiegi tieghu, ma tidhirx u ghalhekk hi mhux ser ikollha l-ghodda li tistabillixxi s-sehem taghha mill-komunjoni;*

*Illi parti kbira mill-komunjoni huma l-flus mid-data taz-zwieg, liema flus hi ma tafx fejn hbihom u ghadha ma tafx x'investimenti hemm f'ismu;*

*Illi hija ghandha l-provi tal-parti li jiddikjara bhala introjtu tieghu, li ma jikkombacux mal-parti kbira l-ohra li qala' u ghadu jaqla', kemm minn kumpanija li tinsab barra minn Malta kif ukoll kumpanija ohra.*

*Illi r-rikorrent dejjem heba mill-intimata l-assi formanti mill-komunjoni u li konsegwentement hija mghandhiex stampa cara tal-assi kollha formanti parti mill-komunjoni. Hi ghandha l-biza reali li bil-fondi mohbija tal-Komunjoni, l-attur ser jkompli jiddisponi mill-flus tal-komunjoni, liema flus mhux ser jinstabu fil-kontijiet bankarji tieghu hawn Malta;*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti umilment tissottometti li ma tkunx gustifikata li tintlaqa' t-talba odjerna ta' zewgha l-attur qabel ma jigi eppurat x'sar mill-mijiet ta' eluf ta' Ewro li kienu fil-pussess ta' zewgha, flus li jappartjenu lil Komunjoni tal-Akkwsiti u li taghhom ghalhekk l-esponenti ghandha sehem. Kif qeghdin illum zewgha biss jaf x'sar minn dawn il-flus la din il-Qorti u lanqas l-esponenti ma ghandha jew jista jkollha kontroll fuq*

*dawn il-flus b'xi provvediment opportun jew mandat kawtelatorju. Kemm-il darba il-komunjoni tigi terminata f'dan l-istadju, l-attur jkollu iktar liberta li minghajr il-bzonn tal-kunsens tal-esponenti jiddisponi liberalment mill-flus tal-Komunjoni u ma jhalli ebda tracci izjed taghhom;*

*Illi l-kawza tinsab differita ghan-notifika tal-intimata bir-rikors guramentat tas-separazzjoni, hija pprezentat r-risposta taghha u pprezentat kontro-talba li r-rikorrent ma giex notifikat biha u dan nonostante l-fatt li kif jghid hu stess u kif dejjem sostna fir-rikorsi u risposti tieghu fl-atti tal-medjazzjoni, huwa jahdem mill-post matrimonjali izda jirrizulta illi ma fetah hadd meta mar il-marixxal darbtejn il-post u dan sempliciment ghax qed jahrab min-notifika billi jkun id-dar u ma jiftahx il-bieb. Dan qed jinghad ukoll ghax qed jevita rikors li permezz tieghu hi qed titlob manteniment ghat-tifel tal-partijiet. Mindu spiccaw il-partijiet fit-2 ta' Settembru 2022 hu ghaddielha biss 3 pagamenti ta' 125 Ewro kull wiehed meta ghandu introjtu ta' 7000 Ewro fix-xahar;*

*Illi hu ilu jahbi il-flus tal-Komunjoni u hi ghandha provi ta' dan. Hu espert fl-IT u jiddikjara biss introjtu wiehed ta' 45,838 Ewro (Dokument tat-Taxxa hawn anness) ta' project manager mal-kumpanija fuq l-IT Loqus Solutions Ltd meta fil-verita ghandu zewg introjti ohra, wiehed bhala Konsulent mal-Food Agriculture Organisation u jithallas b'160 Ewro fil-gurnata ghal ghoxrin gurnata li jigu 3200 Ewro fix-xahar ohra, dokumenti hawn anness, u introjtu iehor part time ma' Servier (dokument anness). L-opposizzjoni taghha mhiex ibbazata fuq sehemha tal-introjtu tieghu izda mill-flus tal-Komunjoni li ilu jahbi u li hi mhux ser ikollha l-armi li taqbdu milli jkompli jahbi u jberbaq f'kaz li l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tieghu ghal-waqfien tal-Komunjoni f'dan l-istadju.*

*Illi biss biss ghandha l-provi li mill-flus tal-Komunjoni huwa ghadda is-somma ta' 150,000 lil genituri tieghu, li fuq skrittura nizzlu bhala 'self', li ma kien self xejn. L-iskrittura tghid li tahom 100,000 qabel Mejju 2019 u 50,000 ohra fis-sena 2020. Dokument hawn anness.*

*Illi l-partijiet ghandhom proprjeta parafernali kull wiehed u ghalhekk ma jidhirx li ghamel it-talba ghal-waqfien biex jkun jista' jakkwista proprjeta ohra*

*Illi bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti l-intimata ser tbati pregudizzju u pregudizzju mhux proporzjonat*

*Illi hija taghmel referenza ghall-kawzi Rik Gur Nru 273/2018 JPG fl-ismijiet SB vs LB sentenza deciza 6 ta' Frar 2019, Rik Gur Nru 86/2019 JPG fl-ismijiet GD vs LD, sentenza deciza 31 ta' Jannar 2022,Rik Gur Nru 123/2019/5 JPG fl-ismijiet SM vs BM sentenza deciza 9 ta' Frar 2022, u Rik Gur 164/2019/3 JPG fl-ismijiet RB vs JB sentenza deciza 26 ta' Mejju 2022 fejn l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-waqfien tal-Komunjoni*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn deskritti, hi topponi ghat-talba tieghu u umilment titlob lil Onorabbli Qorti li f'dan l-istadju it-talba tieghu tigi michuda.*

*Bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza *in parte* wara talba maghmula mill-attur permezz tar-rikors datat 8 ta' Mejju 2023, fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, mil-liema talba l-intimata resqet opposizzjoni vocifera.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandu jinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien ikun jghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kienet ser iggib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Illi ghalhekk bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal

dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

L-intimata qieghda toggezzjona ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u sostni illi l-ghagla li biha r-rikorrenti intavola r-rikors odjern, u cioe hdax(11) – il jum biss wara li prezenta r-rikors promotur, tkompli tikkonferma s-suspetti tal-intimata li l-iskop tar-rikorrenti zewgha huwa li jkompli jahbi x'hemm fil-Komunjoni sabiex ikompli jiddisponi minnha u hi ma tkunx tista' tikkawtela d-drittijiet taghha ghal sehemha. Izzid illi r-rikorrenti dejjem heba minnha l-assi formanti mill-komunjoni, hi m'ghandhiex stampa cara tal-assi kollha formanti parti mill-komunjoni u ghandha biza' reali li il-flus tal-komunjoni mhux ser jinstabu fil-kontijiet bankarji tieghu hawn Malta.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell***[1] fejn intqal:

> ***"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.***
>
> ***Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***
>
> ***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs Robert Cassar.***[2]

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.
[2] Deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it- 3/12/2013 212/2019/2 RGM.

Dina l-Qorti taghmel taghha li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fejn gie ddikjarat illi:

> ***l-pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova ibcumbit ei qui dicit non ei qui negat.***[3]

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-intimata humiex:

1. **Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
2. **Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qieghed jitlob l-attur huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni f'dan l-istadju. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell.[4]

Din il-Qorti tikkoncedi illi r-rikors ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti gie intavolat fi stadju relattivament bikri tal-proceduri, illi pero' tosserva ukoll illi l-attur diga' prezenta numru ta' affidavits u provi dokumentarji, anke b'referenza ghal dak rilevat mill-intimata fir-risposta taghha ghar-rikors ghal waqfien tal-komunjoni. **Illi huwa minnu pero illi ghadhom ma gew prodotti l-ebda provi rigward il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.** Illi l-partijiet inghataw l-opportunita' li jitrattaw, u fit-trattazzjoni l-abbli difensur tal-intimata regghet sostniet illi l-intimata mhjiex a konoxxenza tal-assi kollha li huma formanti parti mill-komunjoni u li l-attur dejjem zamm il-qaghda finanzjarja tieghu

[3] Vide **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015.
[4] Vide **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** supra.

u taghhom mistura minnha.

Illi kif rilevat mill-Qorti tal-Appell fid-decisjoni fl-imsijiet ***Diane Galea vs Brian Galea*** deciza nhar is-26 ta' Novemberu 2020:

> ***L-attriċi lmentat li żewġha hu self-employed (qalet li jaħdem fil-madum) u prinċipalment jitħallas fi flus kontanti u għalhekk jista' jimmanuvra l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti li jaħbihom kif irid peress li l-parti l-kbira tal-introjtu mhuwiex dikjarat. Issostni li ser tagħti prova ta' dan, iżda sal-lum għadha tagħmel riċerki sabiex tiskopri f'hiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti. Kompliet li jekk il-komunjoni tal-akkwisti tieqaf minn issa, il-konvenut ser ikun f'pożizzjoni li jallega li dawn il-flus ġew fil-pussess tiegħu wara li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Dan ser iwassal għal sitwazzjoni fejn l-attriċi mhux ser tkun tista' tirribatti għal allegazzjoni simili.***
>
> ***7. F'dan ir-rigward l-argument li għamlet l-attriċi mhuwiex konvinċenti. Meta fi żwieġ hemm il-komunjoni tal-akkwisti, il-qligħ li jagħmel kull wieħed hu tat-tnejn. Il-fatt li xi ħadd mill-konjuġi ma jkunx qiegħed jiddikjara l-qligħ kollu, ma jagħmilx differenza jekk għandhiex titħalla jew titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti.***
>
> ***Omissis***
>
> ***10. Għal dawk li huma kirjiet ta' proprjeta`, il-qorti ma tarax li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser twassal għal xi preġudizzju mhux proporzjonat. Skont ma qalet l-attriċi, il-kirjiet saru permezz ta' skritturi. Fil-proċess tal-kawża ta' separazzjoni hemm żewġ skritturi, waħda ffirmata u l-oħra mhux iffirmata b'kera li verament tidher li hi baxxa. Madankollu jekk tibqa' fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti m'hu ser joffri l-ebda benefiċċju jekk il-konvenut ma ddikjarax l-ammont kollu ta' kera li qiegħed jirċievi. Dik hi materja ta' provi. Jekk mill-provi ser jirriżulta li fir-realta` d-dħul hu iktar minn dak dikjarat fl-iskrittura, allura l-attriċi ser ikollha jedd għal sehemha mid-dħul reali irrispettivament għadhiex teżisti l-komunjoni tal-akkwisti jew le...***

> ***11. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-argumenti li għamlet l-attriċi ma jwasslux lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser tkun qiegħda ssofri preġudizzju li mhuwiex proporzjonat.***

Illi f'decisjoni ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: ***Dorianne Sammut vs Charles Sammut*** deciza nhar il-31 ta' Mejju 2019 gie rilevat illi:

> ***Bazikament l-aggravji tal-appellanti huma fis-sens li l-appellat qed jaghmel diversi "manuvri" biex jahbi l-introjtu li ghandu min-negozju tieghu u li qed jaghmel manuvri ohra biex hija ma tippercepix dak li hu dovut lilha bil-qasma tal-komunjoni.***
>
> ***Fis-sentenza ricentissima taghha fl-ismijiet Darmanin utrimque (14 ta' Marzu 2019) din il-Qorti qalet hekk;***
>
> ***Din il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni tal-qligh tal-attur minn negozju, flimkien mal-allegazzjoni … tal-konvenuta li hu qed jahbi parti minn dan il-qligh, hija materja li ghandha tigi ezaminata fl-ambitu tas-separazzjoni personali u huwa irrelevanti jekk il-komunjoni tal-akkwisti titwaqqafx f'dan l-istadju jew le ghax il-konvenuta ghad ghandha l-opportunita` li tressaq provi fir-rigward fil-proceduri tas-separazzjoni. Din il-Qorti tirribadixxi li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jirreferi ghall-futur u mhux ghal passat u, minkejja li dak li z-zewg partijiet qed idahhlu mix-xoghol taghhom s'issa hu tal-komunjoni, l-istess huwa tal-komunjoni kull dejn li talvolta jistghu jaghmlu. Ghalhekk anke minn din il-perspettiva ta' dejn, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mhux talli ma jippregudikax lill-konvenuta talli jaf ikun ta' beneficcju ghaliha ghax mid-data tal-waqfien tal-komunjoni 'l quddiem hi ma tkunx responsabbli ghad-dejn li talvolta jista' jaghmel l-attur.***
>
> ***Omissis***
>
> ***Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni***

***tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli.***

Meta parti sostanzjali tal-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fi flus kontanti, u meta jkun hemm indizzji cari ta' habi ta flejjes, investimenti, manuvri finanzjarji u "self" lill-familjari, il-Qorti ghandha timxi b'kawtela kbira il-ghaliex tista tkun hi, li bl-aktar mod involontarju, tkun qed tghin jew b'xi mod tippromovi il-pregudizzju sproporzjonat ta' konjugi finanzarjament inugwali u dana sakemm ikun hemm provi aktar approfonditi fuq l-assi u l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni t-talba tal-attur f'dan l-istadju tal-proceduri.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**